VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

It-Tnejn 13 ta' Marzu 2017

Ill-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq Nofs in-nhar, Valletta, fil-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Prof Alexiei Dingli – Sindku
Christian Micallef – Viċi Sindku
Vincent Fabri – Kunsillier
Vincent Farrugia – Kunsillier
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Mario Camenzuli – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Dr Norman Shaw – Minority Leader

ASSENTI
Nil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippresjeda l-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Dr Norman Shaw minħabba li kien imsiefer

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 48 u Nru 49 kienu kkonfermati.

## 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli informa li l-perit tall-Kunsill qiegħed jara l-lista tal-bankini biex ikunu jistaw jibdew proċeduri biex jinħareg tender. Il-Kunsill qabel dwar dan.

50.3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli informa li triq Sant' ursola saret bil-linji ħodor għar-residenti kif approvat min Transport Malta. Il-Kunsill qabel dwar dan

50.3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Il-Kunsill qiegħed jistenna direzzjoni mid-dipartiment minħabba towing. Il-Kunsill qabel dwar dan.

50.3.4 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li saret laqgħa mar-restoration unit dwar l-zviluppi ta' Cafe Premier u xogħolijiet li qed isiru.

50.3.5 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li Il-Kunsill ser jibgħat bye-law dwar l-Użu ta' faċilitajiet. Kien hemm qbil dwar dan.

50.3.6 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li l-permessi skaduti qed iduruhom l-ħaddiema ta' L- ETC kull gimgħa. S'issa gew identifikati 13 u tnehhew.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

50.4. L-Viċi Sindku nforma li fil-Karnival daħal scammel fiċ-ċentru waqt li nies kienu hemm. Nforma li għalkemm tindif irid isir għandu jsir ftehim min qabel

## 50.5 Rapporti

## 50.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

50.6.1 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-kumpanija teatrali Dumnikani Beltin biex ill-Kunsillieri jipparteċipaw fid-dramm tal-passjoni. Nhar it-tnejn 10 ta' April 2017.

50.6.2 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-EU Capitals Mayor Meeting f'Riga. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku Christian Micallef jattendi għal din l-laqgħa.

50.6.3 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Kummissarju tal-Arċikonfraternita' tas-SS.Mu Kurċifiss biex bħal kull sena jipparteċipa fil-purċissjonijiet tad-Duluri u l-Gimgha L-Kbira.

50.6.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TM biex jitneħħew tabelli tad-disabled-parkings personalizzati. Ill-Kunsill ma qabilx li dawn għandhom jitneħħew ghax l-arrangament ma TM kien li Tm kellom jikkuntattjaw il persuni qabel ma jiehdu azzjoni.

50.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Maltapost biex isir relocation tal-depository box ta' Triq San Pawl. Ill-Kunsill qabel dwar dan.

50.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-operaturi tas-suq biex jitmexxa l-bus stop.. Ill-Kunsill qabel dwar dan.

50.6.7 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand Patri Deo Debono biex tissemma Triq għal Santu Wistin. Il-Kunsill qed jesplora biex ibiddel Triq San mark għal Triq Santu Wistin.

50.6.8 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand dipartiment biex isiru courses tal-Life Long learning. Il-Kunsill qabel li peress li l-premises l-godda għadhom mhux lesti dawn ma jistgħux isiru.

50.6.9 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand resident li joqgħod fi 64. Triq l-Arċisqof. biex jitneħħa l-parking. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan wara li sar intervent milI-Kunsillier Mario Camenzuli.

50.6.10 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand Maurizio Lapira biex Il-Kunsill jipprezenta no objection għal applikazzjoni għal restawr. Ta' dar li tintuza għal Teen Klabb fi Triq Sant' Ursola. Il-Kunsill qabel dwar dan.

50.6.11 Il-Kunsill rċieva korrispondenza dwar keychains solid silver tal-Belt. Il-Kunsill iddeċieda li għal issa mhux ser issir ordni.

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

50.7.1 Jum il-Belt.
Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li nhar t-28 ta' Marzu tiġi ċċelebrata Jum l-Belt. Nforma li Il-Kunsill rċieva nomiazzjoni wahda biss għal Gieħ l-Belt. Dr Lawrence Gonzi ġiet approvat mil kunsill kollu barra Il-Kunsillier Raymond Azzopardi li nforma li ma jaqbilx li nilaqghu l-warrani tal-politiċi u seta kien l-Prim Ministru Joseph Muscat għax xorta ma jaqbilx. L-Viċi Sindku kif ukoll il –kunsillier Vince Fabri qablu li Dr Lawrence Gonzi jixraqlu dan l-gieh minhabba xogholijet kbar ta restawr li saru fil-Belt Valletta, l-ammont ta' fondi li nġiebu mil-EU.

50.7.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kien qed jinnomina lil Patri Marcellino Micallef għaċ-ċittadinanza onorarja minhabba ix-xoghol kbir li qieghed jaghmel mal-fqar. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nnomina lil Ex Maggur Patrick Bonnici għal Apprezzament tax-xoghol fil-komunita' Beltija Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.4 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nnomina lil Tony Polidano għal Apprezzament tax-xoghol fil-komunita' Beltija Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.5 Il-Kunsillier Mario Camenzuli nnomina lil Joe Micallef Stafrace u lil Alfred Zammit għal Apprezzament tax-xoghol fil-komunita' Beltija Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.6 Il-Kunsillier Vincent Fabri nnomina lil Victor Scerri u lil Vincent Zammit għal Apprezzament tax-xoghol fil-komunita' Beltija Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.7 Il-Kunsillier Vincent Farrugia nnomina li Vincent Fenech għal Apprezzament tax-xoghol fil-komunita' Beltija Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

50.7.8 Il-Kunsill iddeċieda li reception issir fil-Fortress Builders u l-preżentatur jkun Mario Micallef.

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

50.8.1 Is-segretarju eżekuttiv informa lilI-Kunsill dwar il kaz tas serqa fejn ex impjegat Malcom Bezzina instab ħati ta' l-akkuza li dawwar bi profitt għalih is-somma ta' 350euros ghad-dannu tal-klV. Għamel missapprojazzjoni ta' somma flus fdata f'idejh mhux tiegħu jew għalih iżda biex jagħtiha lil ħaddiehor. Ksur tal-art. 293 u 294 tal-liġi kriminali fejn weħel sitt xhur probation u ordnat iħallas 350

euros lil KLV fi zmien sitt xhur.

50.8.2

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-paġna li inkitbet fuq l-gazzetta Kullhadd nhar 26 ta' Frar 2017 mill-President tal-Kunsilliera tal-PL, Sur Mario Fava fejn allega diversi affarijiet infondati fuq Il-Kunsill lokali tal-Belt.

Dawn l- affarijiet huma:

1. Kunsill għamel 1.5 million dejn f' dawn l-aħħar tlett snin.

Is-Seg Ezekuttiv spjegat il-proġetti kapitali li għamel Il-Kunsill f'dawn l-aħħar 5 snin. Spjegat ukoll kif fil-minuti ta' 30 ta' Marzu 2011 Il-Kunsill kien approva l-progett tal- PPP (Toroq) kif ukoll l-progett tal-Pjazza ta' Mattia Preti. Dawn iż-żewġ proġetti weħidhom swew 1.1 miljun euro. Spjegat ukoll li waqt din l-laqgħa kienu preżenti u approvaw dawn l-proġetti is-Sindku, il-Viċi Sindku, Ray Azzopardi, Minority Leader, Valerie Borg, Mario Camenzuli, Vincent Farrugia u Peter Buontempo.

Raymond Azzopardi informa li Il-Kunsill veru għandu 1.5 miljun dejn għaliex waqt li kien qed isir l-laqgħa ma' l-accountant Arthur Turner hu qal li ħares lejn l-Minority Leader u ikkonfermalu li iva hemm 1.5 miljun dejn. Il-Kunsillier Azzopardi informa lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li l-Partit Laburista qed jinvestiga dan id-dejn u ser ikomplu jiddiskutu dan kollu l-qorti. Is-sindku informa lill-Kunsillier Azzopardi li dan mhux minnu u dan b'dikjarazzjoni mil-accountant innifsu.

Segretarju Eżekkutiv infurmat bil-lista tal-proġetti kapitali li saru f'dawn l-aħħar 5 snin u ġew imħallsa kollha:

St Michael Lane resurfacing

East street resurfacing

Toni Bajjada Lane resurfacing

Playground taħt il-qanpiena

Pjazza Mattia Preti

Saru ukoll restawr ta' niċeċ li għalihom inġiebu fondi minn skemi tad-dipartiment

L-PPP huwa kuntratt li il-Kunsill daħal għalih fuq perjodu ta 6 snin u qed jitħallas kif suppost.

2. Is-Sindku qiegħed jgħid li d-dejn sabu ma' wiċċu.

Is-Sindku ġiddeb lil Raymond Azzopardi u qallu li hu qatt ma qal dan l-kliem. Biss biss l-kunsill qabel 2012 kien ikollu introjtu ta' 200,000 euro mis-sistema taċ-ċitazzjonijiet.

3. Infiq fuq Safar u Gemellaggi bla sens

Is-Seg Ez spjegat li sa issa Il-Kunsill għad m'għandux ġemellaġġi. Il-proġetti li jsiru huma taż-żagħżagħ f'fondi Ewropej u fondi mil-co-financing fund. Jiġifieri l-ebda piż finanzjaru fuq il-Budget tal-Kunsill. Il-Kunsill Farrugia Lauri nforma li dawn l-proġetti jservu ta' esperjeza ghaż-żghazagh Beltin u għalhekk kieku intefqu xi flus il-budget tal-Kunsill dan kien ikun investiment fiz-żgħażagħ tagħna. Ma' dan id-diskors qablu Il-Kunsillieri preżenti ħlief Ray Azzopardi.

4. Shedule of payments Ottubru sa Dicembru mhux online

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li kif kienet diga spjegat f'laqghat preċendenti issa l-financial statements ta' l-2016 qed jigu konklużi u għalhekk min Jannar bdew jigu preżentati kull xhar.

5. Kuntratti estiżi diviersi drabi.

Is-Segretaru Eżekuttiv infurmat li f'diversi laqgħat kienet infurmat dwar kuntratti li kellhom jerġgħu joħorġu. Pero infurmat ukoll li kien kunsillier li kien gіegħlha ġġedded kuntratt imma hi m' għamiltx hekk.

6. Impjegati ġodda

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk hemm xi ħadd li kellu xi problema bl-impjegati l-ġodda. Vince Fabri informa li ż-zewg impjegati l-ġodda dejjem kienu efficjenti għal kull ma kellu bzonn.

Ill-Kunsillier Raymond Azzopardi qal li l-ewwel ma jafx li gew approvati, wara dwar il verzjoni fejn qal li wara ġurnata li ġew approvati dawn ġew wara il bieb tax-xogħol. Informa lil-kunsillieri li dawn it-tnejn

kienu ex-pulizija, u jekk kienux jafu. Is-segretarja eżekuttiva infurmat lil Kunsillier Ray Azzopardi li dawn iż-żewg impjegati gew approvati waqt laqgħa tal-kunsill tat-12 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsillier Ray Azzopardi semma' diversi ismijiet fil konfront ta dawn iz-zewg impjegati fosthom "Abraham",

Il-Kunsilier Ray Azzopardi semma' ukoll każ fejn kien hemm hu preżenti ġewwa il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u wieħed mill-impjegati ġodda ħareġ bil-mobile jitkellem u hu qal quddiem Ill-Kunsillier Ray Azzopardi " issa ħalli f'idejja ha naqtagħlu iż-żejza jien". Il kunsillier ħaseb hekk għax ftit tal-minuti qabel itella' rittratt minnhu stess fejn juri rittrat tas-segretarja eżekutiva qiegħda ipparkjata fuq parkeġġ ta' disabled parking. Dan ir-rittratt ittela' mingħajr ebda tip t'a verifikazzjoni mas-segretarja ezekuttiva jekk kelliex permess tipparkja go dak il parkegg 'ghand sid tal parkeġġ. Is-segretarja eżekutiva spjegat li waqt il-ħin li hu qieħhed jghid li kien il-kunsill ma kien hawn hadd preżenti għax l-istaff kien barra fuq brejk.

Il-Kunsilier Ray Azzopardi semma' ukoll kif ċempillu sid ir-reserved parking u kellmu ħazin ħafna. Il-Kunsillier Ray Azzopardi informa li kellu telefonata mingħand Jesmond Zerafa ħabib tas-segretarju eżekuttiv minħabba li sab l-karozza tagħha ipparkjata fuq l-parking tiegħu. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li dan heddu u anke kellmu ħazin. Is-Sindku nforma li dawn l-affarijiet kellu jiddiskutihom ma Jesmond Zerafa u mhux maIl-Kunsill.

Ill-Kunsillier Ray Azzopardi iddikjara li qiegħed iħossu mhedded min esponanti laburisti.

Il-Kunsilier Ray Azzopardi sema' ukoll kif xi hadd mill-impjegati il-ġodda "Abraham, Ibrahim jew ma nafx x'jismu" mar għand il-partit laburista biex igagħluh jisket.

Ill-Kunsillier Ray Azzopardi talab ghal kuntratti ta l-impjegati il-ġodda, scales, job description. Is-segretarja infurmatu li dawn kienu ġew diskussi f'laqghat precedenti u il-pay scales kienu ġew approvati fil-laqgha ta Jannar 2017 minnu stess u iIl-Kunsilliera prezenti ta' dik il-laqgħa.

Ill-Kunsillier Ray Azzopardi nforma jekk Reggie Cini għadux jaħdem Il-Kunsill u ġie nfurmat li hu għadu jaħdem mal-group tal-ETC. Ġie kkonfermat li Reggie Cini jinbgħat fuq xogħolijiet tal-Kunsill.

Ill-Kunsillier Ray Azzopardi nforma li hu jċempel lil impjegat partiċolari li jaħdem maIl-Kunsill biex jaqdih u dan jgħidlu li ma jistax isemmi ismu għax ikollu problemi mas-Segretarju Ezekuttiv.

## 50.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

50.9.1 Frar 2017

## 50.10 Mozzjonijiet

50.10.1 .NIL

## 50.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.11.1 Il-laqgħa intemmet 8.30pm u ġiet aġġornata għad-3 ta' April 2017 fis-6.30p

Konfermati, illum 3 ta' April 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Prof Alexiei Dingli<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |